MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2012

Citazzjoni Numru. 59/2012

**John Cauchi ezercitanti n-negozju bl-isem 'Cauchi Transport'**

**Vs**

**Xuereb Glass Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn gie premess:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti tiggestixxi negozju ta' garr ta' merkanzija bejn Malta u Ghawdex.

2. Illi l-konvenuta diversi drabi ghamlet uzu mis-servizzi li jipprovdi l-attur fil-garr tal-merkanzija.

3. Illi per konsegwenza ta’ dan kollu, il-konvenuta ghandha thallas lill-attur s-somma ta’ tmienja u erbghin elf tmien mija u tnejn u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€48,862.35) u dan skond kif jirrizulta mid-Dokument anness bhala B.

4. Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet anki permezz ta’ ittra ufficjali, il-konvenuta naqset milli thallas dan id-debitu lill-attur.

5. Illi fil-fehma ta’ l-attur dan id-debitu huwa wiehed, cert, likwidu u dovut u l-konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tqanqal ghat-talbiet li qed isirulha u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici joghgobha:

i. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

ii. Tiddikjara l-konvenuta debitrici tal-attur fis-somma ta’ tmienja u erbghin elf tmien mija u tnejn u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€48,862.35) rapprezentanti bilanc dovut bi hlas ta’ diversi servizzi ta’ garr ta’ merkanzija, bl-imghax mid-data tas-servizz sad-data tal-pagament relattiv.

iii. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u ta’ qbid kawtelatorju ipprezentati kontestwalment ma’ din il-kawza u tal-ittri interpellatorji datati 18 ta’ Gunju 2010 u 12 ta’ Gunju 2012 u ta’ l-ittra ufficjali prezentata f’Marzu 2012.

Il-konvenuta hija mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ingunta.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tat-2 ta’ Awwissu 2012.

Rat li fis-seduta tat-2 ta’ Awwissu 2012 intalab differiment mis-socjeta’ konvenuta liema talba ma gietx opposta u l-kawza giet differita ghat-13 ta’ Awwissu 2012.

Rat li fis-seduta tal-lum Dr Joseph Grech ghas-socjeta’ konvenuta ammetta l-bilanc tal-hlas dovut, madankollu l-partijiet qablu li l-ammont ta’ €48,862.35 huwa dovut u ghandu jithallas f’pagamenti mensili ta’ elfejn euro bl-ewwel hlas ikun dovut fl-1 ta’ Settembru 2012 sussegwentement fl-ewwel jum ta’ kull xahar. Il-partijiet qablu wkoll li f’kaz ta’ morozita’ ta’ hlas fiz-zmien miftiehem allura l-ammont kollu ghandu jigi awtomatikament dovut u ghandu wkoll jiddekorri mghax fuq l-istess bilanc dovut.

Rat l-atti kollha.

Billi s-socjeta’ konvenuta ammettiet biss li l-ammont ta’ €48,862.35 huwa dovut jirrizulta ghalhekk li t-tieni talba attrici inkwantu jirrigwarda dan l-ammont tirrizulta ppruvata. Mill-bqija jirrizulta li l-partijiet waslu fi ftehim dwar il-modalita’ tal-hlas u dwar dekorriment ta’ imghax fl-eventwalita’ ta’ morozita’ fil-hlas, liema ftehim qieghed jigi inkorporat f’din is-sentenza.

Ghaldaqstant din il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici biss bil-mod kif gej u ghalhekk:

(i) tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici fil-konfront tal-attur fis-somma ta’ tmienja u erbghin elf tmien mija u tnejn u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€48,862.35) rapprezentanti bilanc dovut bi hlas ta’ diversi servizzi ta’ garr ta’ merkanzija;

(ii) tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ tmienja u erbghin elf tmien mija u tnejn u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€48,862.35) b’dan pero’ illi l-ewwel pagament fl-ammont ta’ elfejn euro (€2,000) ghandu jithallas fl-1 ta’ Settembru 2012 u wara tali data s-socjeta’ konvenuta ghandha tibqa’ thallas l-ammont dovut minnha f’rati mensili fl-ammont ta’ elfejn euro (€2,000) fl-ewwel jum ta’ kull xahar. Dan l-arrangament ghandu jibqa’ fis-sehh sakemm il-pagamenti jibqghu jsiru b’mod regolari cioe’ kull xahar. F’kaz ta’ morozita’ ta’ hlas fiz-zmien miftiehem allura l-ammont kollu ghandu jigi awtomatikament dovut u ghandu wkoll jiddekorri mghax fuq l-istess bilanc dovut.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------